MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1100/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Isabel Camilleri xebba Azzopardi ta’ 42 sena, bint Gaetan Azzopardi u Rose xebba Spiteri, mwielda gewwa H’Attard nhar il-05 ta’ Ottubru, 1971 u residenti gewwa fond numru 9, Luna, Flat 2, Trejqet Isouard, Marsa u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 499971(M).

Talli;

Nhar is-16 ta’ Novembru 2012, gewwa Ta’ Qalli limiti ta’ H’Attard, f’xi hin bejn it- 7:45hrs u d-9:00hrs ta’ filghaxija ikkommettiet serq ta’ flus kontanti fl-ammont ta’ erba` mitt Ewro (€400), ghad-dannu ta’ Johnny Fenech u/jew ta’ persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa ta’ aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar

minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minna wara li l-Qorti taghtha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissieta solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi ghalhekk sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-res furtiva giet ritornata lid-derubat, li ddikjara ghalhekk li ma kellu ebda pretensjoni ohra kontra l-imputata ;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263, 265, 267, 268, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq Ammissjoni din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra hlief li issib lill-istess imputata hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u minn flok piena qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmielx reat iehor fi zmien sena, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**

Kopja Informali ta' Sentenza

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------